

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tat-30 ta' April 2015 – Alnapharm vs UASI – Novartis (Alrexil)(Kawża T-839/14)⁽¹⁾**(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)**

(2015/C 221/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Alnapharm GmbH & Co. KG (Hambourg, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Heldt, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: H. O'Neill, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Novartis AG (Bāle, l-Isvizzera)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-23 ta' Ottubru 2014 (Każ R 1723/2013-4), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Novartis AG u Alnapharm GmbH & Co. KG.

Dispożittiv

- 1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.*
- 2) *Ir-rikorrenti u l-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll, kull waħda minnhom, nofs l-ispejjeż sostnuti mill-konvenut.*

⁽¹⁾ ĠU C 65, 23.02.2015.**Digriet tal-President tal-Qorti Ĝeneralni tal-20 ta' Mejju 2015 – Hamcho u Hamcho International vs Il-Kunsill**

(Kawża T-153/15 R)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Miżuri restrittivi meħuda kontra s-Sirja — Ifriżar ta’ fondi u restrizzjoni ta’ dħul u ta’ passaġġ fi tranżitu fit-territorju tal-Unjoni — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Ksur tar-rekwiżiti proċedurali — Inammissibbiltà)

(2015/C 221/28)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Mohamad Hamcho (Damasku, is-Sirja); u Hamcho International (Damasku) (rappreżentanti: A. Boesch, D. Amaudruz u M. Ponsard, avukati)

Konvenuta: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-miżuri imposti fuq ir-rikorrenti abbażi tar-Regolament ta’ Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/108, tas-26 ta' Jannar 2015, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU L 20, p. 2), u tad-Deċiżjoni ta’ Implementazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/117, tas-26 ta' Jannar 2015, li jimplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU L 20, p. 85).